

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10955/26

ECOFIN 879
UEM 298
SOC 421
EMPL 228
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2026 skont il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku – Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2026 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ANALIŻIJIET FIL-FOND
TAL-2026
SKONT IL-PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROEKONOMIKU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JENFASIZZA li wara li laħaq 1.5 % fl-2025, it-tkabbir tal-PDG tal-UE issa huwa pproġettat li jonqos, u l-inflazzjoni mistennija li tiżdied fl-2026, xprunata mill-implikazzjonijiet tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani. JINNOTA li fl-2025 l-ekonomija tal-UE wriet reżiljenza filwaqt li l-pressjonijiet inflazzjonarji kienu qed jonqsu, u dan iffaċilita t-tnaqqis ta' xi vulnerabbiltajiet makroekonomiċi li ilhom jeżistu, filwaqt li l-iżviluppi kienu diversi madwar l-Istati Membri. JAGĦRAF li t-tensjonijiet ġeopolitiċi u kummerċjali kontinwi qed inaqqsu l-prospetti ta' tkabbir u t-tnaqqis tal-inflazzjoni, f'kuntast ta' inċertezza sostnuta għolja, li żżid mar-riskji marbuta mal-iżbilanċi.
2. JIŠĦAQ fuq l-importanza persistenti tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fis-sejbien, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi li jaffettwaw negattivament, jew għandhom il-potenzjal li jaffettwaw negattivament, il-funzjonament tajjeb tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-UE kollha kemm hi. JISSOTTOLINJA r-rwol kruċjali ta' analiżi komprensiva fil-monitoraġġ tal-iżbilanċi eżistenti u fl-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet makroekonomiċi potenzjali. IQIS li l-analiżijiet fil-fond tal-2026 jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru taħt analiżi.

3. JINNOTA li globalment, il-Kummissjoni użat għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull Stat Membru. JILQA' l-użu ta' analiżi li tħares 'il quddiem u l-valutazzjoni ta' politiki rilevanti, b'kont meħud ukoll tal-gravità u l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi. JENFASIZZA l-importanza tal-indikaturi tal-istokk u tal-fluss fil-valutazzjoni, ir-rwol tal-miżuri ta' politika, u d-dimensjoni tal-UE u taż-żona tal-euro tal-Proċedura. JENFASIZZA l-interazzjonijiet potenzjali bejn varjabbli makroekonomiċi differenti. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja persistenti tal-valutazzjoni tal-effetti kollaterali tal-politiki ekonomiċi nazzjonali u l-implikazzjonijiet tal-iżviluppi globali. JISĦAQ fuq l-importanza ta' monitoraġġ u valutazzjoni f'waqthom, u li jiġu żgurati t-trattament ugwali u t-trasparenza, abbażi ta' valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza, inkluż fir-rigward ta' data kwantitattiva, informazzjoni kwalitattiva u politiki implimentati, u li l-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi tkun ibbażata fuq evidenza oġġettiva u applikata b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha.
4. JINNOTA li d-differenzi fl-inflazzjoni kibru fl-UE. JIRRIKONOXXI li ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2026 qed jikkontribwixxu għal żieda ġenerali fl-inflazzjoni u li ma jistax jiġi eskluż twessigħ ulterjuri tad-differenzjali tal-inflazzjoni. JINNOTA li fl-istess ħin, it-tkabbir tal-kost ta' unità lavorattiva mmodera fl-aħħar sena, filwaqt li għadu għoli f'diversi Stati Membri. JENFASIZZA li diverġenzi persistenti fil-kostijiet u l-prezzijiet jistgħu jimminaw il-kompetittività fl-Istati Membri individwali u jkunu ta' tħassib partikolari fiż-żona tal-euro.
5. JAGĦRAF li l-pożizzjonijiet tal-kontijiet kurrenti tjiebu fl-2025, bid-defiċits u s-surpluses jibqgħu kbar f'xi Stati Membri. JINNOTA li fl-2025, il-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti negattivi tjiebu b'mod ġenerali, għalkemm b'pass aktar bil-mod, u l-pożizzjonijiet pożittivi naqsu b'mod ġenerali, u dan jirrifletti wkoll effetti ta' valwazzjoni. JIRRIKONOXXI l-impatt possibbli fuq il-kontijiet esterni li jirriżulta minn prezzijiet oġhla tal-enerġija u t-tkabbir kummerċjali aktar bil-mod mistenni.

6. JINNOTA li t-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar kompla jaċċellera fl-2025. JAGĦRAF li f'ħafna Stati Membri, id-domanda kienet appoġġata minn żidiet fl-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi u kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' appoġġ akbar, filwaqt li l-provvista baqgħet ristretta. JINNOTA ż-żieda fir-riskji ta' sopravvalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar f'diversi Stati Membri. JIRRIKONOXXI li t-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar huwa mistenni li jibqa' dinamiku fid-dawl tal-elementi strutturali. Dan jinkludi il-persistenza ta' nuqqasijiet ta' akkomodazzjoni fost progress kajman fl-indirizzar tal-konġestjonijiet fil-provvista f'ħafna Stati Membri, il-politiki tat-tassazzjoni kif ukoll swieq tal-kiri ineffiċjenti, u f'xi każijiet aggravati mid-domanda għal investimenti alternattivi, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'suq kapitali baxx.
7. JINNOTA li fl-2025, is-self mill-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji żdied minħabba kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar faċli. JENFASIZZA li l-issikkar aktar reċenti tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament jista' jnaqqas is-self u jżid il-piżijiet tas-servizz tad-dejn speċjalment fejn is-self b'rati varjabbli huwa mifrux. JAGĦRAF li filwaqt li l-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern komplew jonqsu f'xi Stati Membri, f'ħafna Stati Membri dawn żdiedu u kienu oġhla mil-livelli tal-2019 ta' qabel il-pandemija, u li mistennija li jkomplu jiżdiedu fid-dawl ta' żieda fid-defiċits f'xi Stati membri. JINNOTA li ż-żieda fid-dejn flimkien ma' rendimenti tal-bonds tal-gvern li dan l-aħħar kienu oġhla jirriżultaw f'nefqa oġhla fuq l-imgħax.
8. JENFASIZZA li s-settur bankarju baqa' b'saħħtu u reżiljenti bi proporzjonijiet kapitali b'saħħithom u profittabbiltà għolja tal-banek. JISĦAQ li s-self improduttiv baqa' qrib il-livelli baxxi storiċi b'mod aggregat bi tnaqqis ulterjuri limitat fl-Istati Membri fejn kien għoli. JINNOTA li f'xi każijiet jibqgħu skoperturi kbar għad-dejn sovrani domestiku f'xi Stati Membri u vulnerabbiltajiet relatati mal-proprjetà immobbli kummerċjali.
9. JIEĦU NOTA li l-Greċja, in-Netherlands u l-Iżvezja ma għadhomx jesperjenzaw żbilanċi fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JINNOTA li fil-Greċja l-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn għoli tal-gvern u dak estern naqsu, is-self improduttiv tal-banek naqas, u li finanzjament favorevoli jtaffi r-riskji esterni għas-sostenibbiltà relatati mad-defiċit imdaqas tal-kont kurrenti. JINNOTA li fin-Netherlands naqsu l-vulnerabbiltajiet relatati mad-dejn tal-unitajiet domestiċi u s-surplus fil-kont kurrenti. JINNOTA li fl-Iżvezja għad hemm vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli tagħha u livell għoli ta' dejn privat iżda naqset il-gravità.

10. JIEĦU NOTA li l-Italja, l-Ungerija u s-Slovakkja għadhom jesperjenzaw żbilanċi, filwaqt li jirrikonoxxi xi titjib f'dawn il-pajjiżi, b'mod partikolari fl-Italja u s-Slovakkja.
 11. JIEĦU NOTA li r-Rumanija qed tkompli tesperjenza żbilanċi eċċessivi. JINNOTA li l-vulnerabbiltajiet relatati mad-defiċits fiskali u tal-kontijiet kurrenti naqsu, iżda għadhom sinifikanti, filwaqt li l-kompetittività tal-kostijiet qed tkompli tiddeterjora għalkemm inqas minn qabel.
 12. JAPPELLA għall-applikazzjoni sħiħa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, flimkien mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat, inkorporat fis-Semestru Ewropew, inkluż l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, meta xieraq. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' azzjoni politika rapida u kontinwa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari dawk inklużi fil-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju, u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew.
-